Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 247/2015

**Jeffrey Mula u Dorianne Mula**

**Vs**

**Francis Cutajar**

1 ta' Dicembru, 2017.

1. L-atturi harrku lill-konvenut fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, ghas-somma ta' elfejn disa' mija u disa' u sittin ewro u tnax-il centezmu (€2,969.12), danni li qalu li saru fir-residenza taghhom 'Blacksmith', Prof. Nerik Vassallo Street, Siggiewi minhabba xoghol estensiv ta' skavar li saru fil-vicinanzi tad-dar taghhom.

2. Il-konvenut wiegeb li ma kienx responsabbli ghad-danni.

3. B'sentenza tal-11 ta' April, 2016 it-Tribunal cahad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u kkundannah ihallas lill-atturi s-somma mitlub, bl-imghax mill-4 ta' Settembru, 2014.

4. Il-konvenut appella mis-sentenza. L-aggravji huma li t-Tribunal:

   i. naqas milli jaghmel apprezzament xieraq tal-provi.
   ii. applika l-ligi b'mod zbaljat, fis-sens li kellha ssir prova li kien hemm htija tal-konvenut. Prova li l-konvenuta jsostni li ma saritx.

5. Fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 2017 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx iktar provi x'iressqu.

6. Il-qorti qrat l-atti.

7. Il-konvenut ghamel zvilupp kbir f'sit li tinsab cirka sitt metri 'l boghod mill-proprjeta tal-atturi. Bejn iz-zewg proprjetajiet hemm dar ta' terzi. Qabel beda l-izvilupp, l-atturi kienu nkarigaw lill-perit Robert Musumeci sabiex jaghmel *condition report* tad-dar taghhom:

*"I have inspected the above mentioned property in the presence of my client, on the 07th October 2011.*

*The above mentioned tenement consists of a first floor maisonette lying over a number of garages. The property is well maintained and highly finished.*

*Upon visual inspection, some hairline cracks were observed in the shaft, as per photo A. Save for the above, no further structural damages were noted".*

8. Wara li beda x-xoghol ta' skavar, l-attur kien innota konsenturi f'partijiet differenti tad-dar. Ghalhekk rega' talab lill-perit Musumeci sabiex jaghmillu *condition report* tad-dar li sar fit-8 ta' Awissu, 2014. Din id-darba l-perit Musumeci sab diversi konsenturi (fol. 37). Rapport iehor sar fis-27 ta' Jannar, 2015 (fol. 52) u jirrelata dwar konsenturi godda li hargu fil-bini.

9. Fir-rigward tal-hsara fil-proprjeta tal-atturi:

   (a) Is-sidien li ghandhom il-bini taghhom appogg mas-sit li gie zviluppat, ikkonfermaw li ma saritx hsara fil-proprjeta taghhom. Madankollu lanqas il-perit Tancred Mifsud ma qal li tali fatt ifisser li probabbilment il-hsara fil-fond tal-atturi m'ghandha x'taqsam xejn mal-iskavar li sar fil-proprjeta tal-konvenut.

   (b) Il-perit Musumeci xehed li sar, *"... madwar sular tqattiegh l-isfel mil-livell tat-triq"* u kkonkluda li, *"Hsarat li hemm riskontrati fir-rapporti tieghi fit-(2) u fit-tielet (3) wiehed huma relatati mas-super structure. Ghalhekk meta jkun hemm caqliq fil-bini b'konsegwenza tac-caqliq li jkun sehh fis-sotto terran".*

   (c) Il-konvenut inkariga lill-perit Tancred Mifsud, li xehed li s-suspett tieghu kien li l-konsenturi kienu rizultat ta' deficenzi fl-istruttura, u li l-konsenturi kienu dritti. Pero' ma jirrizultax li ha ritratti tal-hsara li ra. Spjega li dawk it-tip ta' konsenturi jirrizultaw minhabba li:

      - fil-hajt tal-kuridur hemm bibien, *'il-hajt jidghajjef'.* Zied li l-garaxxijiet ma sarulhomx travi sabiex jintrefghu il-hitan addizzjonali li hemm fil-fond tal-atturi. Pero' qal ukoll li ma setax isir test biex jigi determinat jekk is-soqfa kellhomx hadid, peress li test bhal dak kien jitlob li jitkisser parti mis-saqaf. Ghaldaqstant, il-qorti ma tifhimx kif il-perit Mifsud seta' jikkonkludi li din setat kienet wahda mir-ragunijiet ghalfejn hemm konsenturi.

      - *"... peress li ma jkunx hemm dan ir-rinforz vizibbli, is-saqaf allura jizzaqqaq u konsegwentement ghalhekk johorgu l-konsenturi".* Pero' kien biss iktar 'il quddiem waqt id-deposizzjoni li qal li fil-garaxx li dahal fih, is-saqaf ma kienx imzaqqaq u lanqas ma ra konsenturi fih.

   Kompla jzid li l-konsenturi li jissemmew fir-rapport tal-perit Musumeci, *"huma sforz li x-xoghol ma kienx sar sew u anke minhabba l-kostruzzjoni kif saret*

*dan kif diga' spjegat aktar 'il fuq. Jista' jkun ukoll li tkun tahlita ta' tnejn"* (fol. 80).

(d) Mhemmx provi li fil-vicinanzi tal-proprjeta tal-atturi kien qieghed isir xi skavar iehor, fiz-zmien li saru l-konsenturi.

10. Mehud in konsiderazzjoni dak li xehed il-perit Mifsud, il-qorti ma tarax li t-Tribunal kellu bilfors jaccetta t-tezi tieghu. Kif diga osservat, minn dak li xehed il-perit Mifsud ma jistax jinghad li probabbilment il-hsara saret minhabba difett fl-istruttura tad-dar. Inoltre, jidher li t-tiswija li saret kienet fil-parti l-kbira ghandha x'taqsam ma' konsenturi superficjali. Fil-fatt fil-kont tal-kuntrattur li ghamel ix-xoghol, jirrizulta li x-xoghol principali li sar kien tikhil ta' konsenturi u zebgha fejn kien hemm il-konsenturi. Mhemmx indikazzjoni li saret xi tiswija ta' natura straordinarja.

11. Ghal dak li jirrigwarda l-hsara fil-kisi, mill-provi ma rrizultax jekk il-proprjetajiet tal-girien li ghandhom bini appogg mas-sit fejn sar l-izvilupp, kienx tal-istess tip li ghandhom l-atturi. Inoltre, jekk il-konsenturi kienu minhabba li l-kisi ma sarx sew, wiehed kien jistenna li l-hsara ma tfeggx meta sar it-thaffir izda qabel u li l-hsara tkun ferm ikbar minn dik li fil-fatt tissemma fir-rapporti tal-perit Musumeci.

12. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tosserva li ma tistax tikkonkludi li d-decizjoni tat-Tribunal hi manifestament zbaljata ghal dak li jirrigwarda s-sors tal-konsenturi.

13. Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-appellant qal:

*"Fil-kaz in ezami jista' jinghad li d-danni li sofrew l-appellati fir-residenza taghhom gew ippruvati pero' ma jirrizultax li hemm xi htija kif trid il-ligi li ghandha tigi addebitata lill-appellant".*

F'dan ir-rigward ghamel riferenza ghall-artikolu 1032 tal-Kodici Civili li jipprovdi:

*"jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-dilegenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja".*

L-appellant isostni li mexa b'diligenza u la l-appellati u lanqas il-perit li nkarigaw ma qalu x'seta' jaghmel aktar biex jevita li ma ssirx hsara lil terzi.

14. Fis-sentenza **Emanuel Agius vs Emanuel Mifsud** deciza mill-Prim'Awla fit-28 ta' April, 2005, intqal:

> *"[f]il-waqt li din il-Qorti taccetta li proprjetarju ta' fond jew art jista' jaghmel u jizvillupa l-proprjeta' tieghu kif irid, dan jista' jaghmlu dejjem sakemm ma johloqx*

*hsara lill-terzi. Fil-kawza "Bugeja vs Washington", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Mejju, 1897, gie enuncjat il-principju, li kien u ghadu kardinali fil-kuntest tad-drittijiet ta' proprjetarji, li "Il diritto del proprietario di usare liberamente del suo fondo e di farsi le modificazioni che crede convenienti cessa la ove si reca grave molestia al vicino". Intqal ukoll, a propositu, li, "Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu, izda dan l-uzu irid ikun fil-limiti gusti, kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor, li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illeggittimu" – "Mifsud vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2004.* ***Intqal ukoll fil-kawza "Captur vs Borg", deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1993, illi "kull min, b'xoghol konness ma kostruzzjoni, jaghmel hsara lill-vicin, jirrispondi ghad-danni".*** *Il-konvenut, f'dan il-kaz, ikkunsidra biss l-interessi tieghu, u, ghalkemm imwissi mill-perit tieghu, injora ghal kollox il-possibilta' ta' hsara lill-vicin, u agixxa bla qies id-dritt tal-gara li ma jsofrix hsara fil-fond tieghu".*

15. Ibda biex f'dan il-kaz irrizulta li meta sar l-iskavar, l-appellat ma zammx id-distanza legali. Irrispettivament mill-fatt li rrizulta li kien wasal fi ftehim mal-gar biex jaqta' mal-hajt tal-appogg, dan fih innifsu hu diga' prova li f'dak li ghamel m'uzax il-prudenza. Dan irrispettivament jekk il-girien tawx il-kunsens taghhom biex dik id-distanza ma tinzammx. L-istess jinghad meta tqies li ma nkarigax perit biex jispezzjona l-fond tal-atturi qabel beda x-xoghol. Dan ovvjament meta wiehed iqies il-kobor tal-progett li wettaq u l-vicinanzi tieghu mas-sit fejn sar l-izvilupp.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.